# Cruise liners bl-agħar emissjonijiet li jidħlu fil-Port il-Kbir jiżdiedu bi kważi d-doppju għal din is-sena

## Il-'Cruise Ship Ranking' annwali għall-2018 juri li l-maġġoranza tal-vapuri għadhom qed jużaw fuels li jagħmlu l-ħsara

*Cruise liners* li jżuru Malta u li huma kklassifikati fl-agħar kategorija għall-ħsara li jagħmlu lill-ambjent f'dawk li huma emissjonijiet, huma mistennija jiżdiedu bi kważi d-doppju sa tmiem din is-sena.

Dan il-fatt xokkanti joħroġ mill-Cruise Ship Ranking għall-2018, lista li tinġabar kull sena mis-sieħeb Ġermaniż ta' BirdLife Malta, in-NABU (The Nature and Biodiversity Conservation Union) bħala parti mill-proġett konġunt Together Against Air Pollution from Ships. Vapuri tal-passiġġieri li jinsabu f'din il-kategorija (immarkati b'erba' skrejjen ħomor fil-grafika mehmuża), huma kklassifikati bħala l-agħar f'termini tal-impatt negattiv fuq l-ambjent, is-saħħa u l-klima meta mqabbel ma' *cruise liners* oħrajn.

Fl-2017, in-numru ta' bastimenti tal-passiġġieri kklassifikati f'din l-agħar kategorija li żaru l-Port il-Kbir ta' Malta kien jammonta għal 65, waqt li din is-sena s'issa n-numru diġà jinsab fil-livell ta' 58. Dan se jiżdied għal total ta' 112-il żjara fil-port sa tmiem is-sena skont l-iskeda tal-Valletta Cruise Port għall-2018, li huwa kważi d-doppju tal-ammont ta' *cruise liners* f'din il-kategorija li żaru Malta fl-2017.

Il-lista sħiħa tinkludi rendikont tal-operaturi tal-*cruise ships* li jivvjaġġaw f'ibħra Ewropej u tikklassifika l-bastimenti tagħhom skont l-isforzi li qed jagħmlu biex inaqqsu t-tniġġis.

Mill-klassifika joħroġ ukoll li vapur wieħed biss li għadu kif inbena rrinunzja għall-użu tal-HFO bħala *fuel* biex minflok qed juża *fuel* li jniġġes inqas u huwa aktar nadif. L-AIDAnova se jkun l-ewwel *cruise liner* li juża l-LNG (Liquified Natural Gas), waqt li kumpaniji meqjusin bħala ġganti bħall-MSC Cruises, Carnival Cruise u Royal Caribbean qed ikomplu jużaw il-Heavy Fuel Oil (HFO) għall-bastimenti tagħhom, mingħajr ma jtaffu l-kontribuzzjonijiet tagħhom għat-tniġġis tal-arja. L-AIDAnova, madanakollu, mhux skedat li jidħol fil-Port tal-Belt Valletta fl-2018.

Janina Laurent, Policy Officer ta' BirdLife Malta, spjegat: "Il-*cruise liners* kollha li jidħlu fil-Port il-Kbir huma b'mod ġenerali kklassifikati fl-agħar kategorija bbażat fuq l-emissjonijiet ambjentali. Ħames bastimenti tal-passiġġieri biss minn dawk li

daħlu fl-ibħra territorjali Maltin s'issa fl-2018 kienu mgħammrin b'dik li hija magħrufa bħala SCR-Catalytic System u dejjem jużaw *scrubber* biex jiffiltra l-*exhaust* anke meta jkunu barra z-zoni magħrufin bħala Sulphur Emission Control Areas (SECA). Kieku jinħolqu inċentivi pereżempju fil-forma ta' tariffi ekoloġiċi li jitħallsu fil-portijiet biex jiġu attirati lejn Malta vapuri li jużaw teknoloġiji li jniġġsu inqas, dan jgħin biex jittejbu l-livelli baxxi tal-kwalità tal-arja fir-reġjun tal-port. Dan ifisser li l-vapuri jħallsu t-tariffi tal-port skont il-prestazzjoni ambjentali tagħhom u vapuri li jkunu aktar nodfa jħallsu inqas minn vapuri oħrajn."

Flimkien man-NABU, BirdLife Malta ttenni li l-LNG mhuwiex is-salvazzjoni tal-industrija tat-tbaħħir, għax xorta huwa *fossil fuel*. Bidla fl-industrija favur tnaqqis drastiku fl-emissjonijiet mill-vapuri hija neċessarja biex jintlaħqu l-miri tat-tibdil fil-klima li ġew stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Mehmuż:**
- Cruise Ship Ranking 2018 (bil-*cruise liners* li jidħlu Malta mmarkati)

**Ħoloq utli (agħfas biex tiftaħ):**
- L-istqarrija tan-NABU li ħabbret il-Cruise Ship Ranking 2018
- Il-proġett konġunt Together Against Air Pollution from Ships bejn BirdLife Malta u n-NABU

**Ritratti:**
1. *Cruise Liner* f'Malta (Ritratt ta' Veerle van Werde)
2. *Cruise Liner* fil-Port il-Kbir tal-Belt Valletta (Ritratt ta' Eleni Karatzia)